RABAT

### *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgħa A 08**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija iltaqa` nhar**
**L-Erbgha 20 ta' April 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Vici-Chairperson |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 07**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgha A07 jittiehdu bhala moqrija. Din il-proposta giet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti gew approvati.

Qari u approvazzjoni tal-minuti A07

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A 07**

2.01 Is-Sur Paul Galea gibed l-attenzjoni li s-Sindku Sandro Craus ma kienx prezenti u ghaldaqstant, inqata mill-lista tal-membri prezenti.

Korrezzjonijiet tal-Minuti A07

2.02 Dwar minuta 5.02, is-Sur Paul Galea talab li tigi emendata hekk kif gej:

Traffic Calming Measures fi Triq is-Sajf ta' San Martin

"Is-Sur Paul Galea qal li hemm bzonn li jsiru 'traffic calming measures' fi Triq is-Sajf ta' San Martin minhabba s-sewqan eccessiv, li jinkludu zebra crossing u tabelli biex inzidu s-sigurta` fit-toroq. Ic-Chaiperson Paul Grech qal li diga` saret applikazzjoni mat-Transport Malta biex isiru zewg sleeping policeman u zebra crossing, izda s'issa ghadna ma rcevjniex risposta."


KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

f.g. (P)

2.03 Dwar minuta 5.03, is-Sur Paul Galea talab li tigi emendata hekk kif gej: Bozoz Godda fit-triq principali tal-Bahrija

"Is-Sur Paul Galea ppropona li ghandna napplikaw mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tigi mdawwla t-triq principali tal-Bahrija, specjalment fil-kisra ta' Bieb ir-Ruwa u fil-kisra tal-Kuncizzjoni u fi Triq is-Sajf ta' San Martin (Wied iz-Zebbug).

Ic-Chaiperson Paul Grech qal li f'din it-triq diga` hemm erba` bozoz approvati mill-Enemalta sabiex isiru ma' arbli ezistenti. L-Enemalta mhux ser tohrog aktar permessi biex jitwahhlu aktar arbli minhabba l-ambjent. Biex isiru aktar bozoz, iridu jghaddu l-cables minn taht l-art u din tigi tiswa eluf kbar ta' ewro."

2.04 Dwar minuta 5.05, is-Sna. Joanne Farrugia Galea talbet li tigi emendata hekk kif gej: Laqgha mal-Liason Officer tal-MEPA

"Is-Sna. Joanne Farrugia Galea talbet li tkun prezenti waqt il-laqgha li ser issir mal-Liason Officer ta' bejn il-MEPA u l-Kunsilli Lokali, fejn ser jigi diskuss il-progett tal-Bahrija. Hija talbet ukoll biex jigu pprezentati l-istimi ta' Triq in-Namura u Triq ir-Rummien."

2.05 Dwar minuta 5.08, is-Sna. Joanne Farrugia Galea talbet li tigi emendata hekk kif gej: Riforma fit-trasport pubbliku

"Is-Sna. Joanne Farrugia Galea staqsiet jekk fir-riforma tat-trasport pubbliku hemmx inkluz li t-trasport pubbliku jibda jidhol fl-areas ta' madwar il-Bahrija. Hija ssugeriet li jigi ikkunsidrat ix-'shuttle services' ghall-kumplament ta' l-outskirts li jaqghu taht il-KA jekk kemm il-darba is-sistema l-gdida tat-trasport pubbliku ma tkunx tkoprihom.

Is-Sur Paul Galea qal li fil-website tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni hemm l-iskeda li tindika li t-trasport ser jibda jghaddi mit-triq il-principali tal-Bahrija u se jibda jidhol kull saghtejn."

## 3.00 Punti Mqajma

3.01 Dwar minuta 3.01, is-Sur Paul Grech qal li se jmur ikellem lill-Kap ta' l-Iskola wara l-vakanzi tal-Ghid, peress li bhalissa l-iskola tinsab maghluqa. Dizlivell fil-bitha ta' l-iskola primarja



P.G. ©

| | | |
|---|---|---|
| 3.02 | Dwar minuta 3.02, is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li r-residenti qed ifittxu l-korrispondenza li ghandhom f'dan ir-rigward. Huma ghandhom jergghu javvicinawha. | Approvazzjoni ta' bozoz godda |
| 3.03 | Dwar minuta 3.04, id-Deputat Segretrju Ezekuttiv infurmat lill-membri prezenti li l-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir PQ. Ghaldaqstant, is-Sna. Joanne Farrugia Galea ssuggeriet li minnflok PQ, il-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministru tar-Rizorsi u l-Infrastruttura fejn jistaqsih:<br><br>F'hiex wasal l-Impact Assessment Report, li jinkludi l-livell ta' storbju<br>Jekk sarx studju fuq il-fauna u l-flora u l-art agrikola<br>Meta hemm il-hsieb li jigu implimentati | Wind Farm |
| 3.04 | Dwar minuta 3.05, il-Kumitat qabel li ladarba din il-bring in site qed tibqa` tigi abbuzata, dan is-set ta' skips ghandu jitnehha minn Triq is-Sajf ta' San Martin. | Skips |
| 3.05 | Dwar minuta 3.06, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-kuntratti tas-soft area u tal-latrina pubblika lill-membri. | Tigdid ta' kuntratti |
| 3.06 | Dwar minuta 5.05, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-estimi ta' Triq in-Namura u Triq ir-Rummien. | Estimi ta' Triq in-Namura u Triq ir-Rummien |
| 3.07 | Dwar minuta 5.07, is-Sur Paul Grech qal li mar fuq il-post mas-Sindku u se jressquha fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss sabiex jinghata l-konkos biex itaffu l-problema. | Problema ta' l-ilma tax-xita f'Wied Rini |
| 3.08 | Dwar minuta 5.08, is-Sur Paul Galea qal li jixtieq li jkun prezenti jekk tkun ser issir xi laqgha dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku. | Riforma fit-trasport pubbliku |
| ** | Is-Sur Anglu Portelli dahal ghal-laqgha fis-7.00 p.m. | |
| 3.09 | Dwar minuta 5.09, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qrat ittra mibghuta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn gejna nfurmati li l-art tal-Kuncizzjoni (fejn inqatlet Silvia King) ma' tistax tigi devoluta lill-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel is-sena 2022. Ghaldaqstant, il-process ta' din l-applikazzjoni kellu jieqaf.<br>Saret diskussjoni bejn il-membri prezenti dwar jekk tistghax tigi identifikata xi area ohra, pero` s-Sur Anglu Portelli qal li l-kampanja li hemm il-Bahrija hija kollha tal-privat. | Applikazzjoni ta' l-UE – Measure 313 ERDF |



P.9 Q

3.10 Dwar minuta 6.00, is-Sur Paul Grech qal li ma setghax jattendi ghal din il-laqgha. Huwa ppropona li f'kaz li jkun mistieden ghal-laqghat ohra u hu ma jkunx jista` jattendi, ghandu jattendi il-Vici Chairperson, is-Sur Paul Galea. Il-Kumitat qabel. Laqgha mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said

**4.00 Pjan ta' Hidma**

4.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li ghal dan l-item kellu jkun prezenti l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Paul Bugeja izda minhabba ragunijiet li ma kellux kontroll fuqhom, ma setghax ikun prezenti ghal din il-laqgha. Pjan ta' Hidma

Ghaldaqstant, is-Sna. Joanne Farrugia Galea pproponiet li dan l-item ghandu jerga` jitla` fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss. Is-Sur Paul Galea issekonda din il-proposta.

**5.00 Abbozz ta' stemma**

5.01 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgha li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali talabna nipprezentaw abbozz ta' stemma li fl-opinjoni taghna ghandha tintuza fil-Kumitat tal-Bahrija. L-abbozz ghandu jigi pprezentat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sa mhux aktar tard mit-30 ta' Gunju 2011. Abbozz ta' stemma

Il-Kumitat qabel li l-membri kollha ghandhom jaghmlu ricerka dwar il-Bahrija u 'l madwar, sabiex fil-laqgha li jmiss kulhadd jissottometti l-proposti tieghu.

**6.00 Affarijiet Ohra**

6.01 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea qalet li l-kuntrattur li jbattal il-fossa xorta wahda ghadu jhalli t-tappiera miftuha sakemm imur ibattal. Ghaldaqstant, hija talbet li ghandha terga` tintbghat 'reminder' lill-Ingier ta-WSC, is-Sur Nigel Ellul. Fossa tal-Bahrija

6.02 Is-Sur Paul Galea talab biex tinkiteb ittra lill-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn nistaqsuh jekk hemmx il-hsieb li jsir id-drenagg mil-Bahrija ghar-Rabat. Ittra lill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali

6.03 Is-Sur Anglu Portelli qal li t-tarmac li ghamilna l-Fiddien, ma sarx tajjeb. Is-Sur Paul Grech qal li l-perit tal-Kunsill ma ccertifikatx dan ix-xoghol u ghaldaqstant, il-kuntrattur ghandu jerga` jaghmlu. Extensive Patching fil-Fiddien

6.04 Is-Sur Anglu Portelli qal li it-triq il-principali tal-Bahrija hemm bzonn li tiddawwal aktar. Is-Sur Paul Grech qal li l-Korporazzjoni Enemalta approvat li jsiru erba` bozoz ma' arbli ezistenti. Bozoz fit-triq il-principali tal-Bahrija

6.05 Is-Sna. Joanne Farrugia Galea infurmat il-laqgha li Fr. Timon Mercieca, l-qassis li ilu jmexxi l-Knisja tal-Bahrija ghal dawn l-ahhar sitt snin se jispicca u se jintbghat il-Parrocca ta' Hal-Balzan. Hija ssuggeriet li per edukazzjoni u kortesija, ghandha tintbghat ittra ufficjali biex nirringrazzjawh tal-hidma tieghu li ta matul dawn l-ahhar sitt snin fil-Bahrija. Ittra ta' ringrazzjament lil Fr. Timon Mercieca

**7.00 Aggornament**

6.01 Peress li l-agenda giet ezawrita, l-laqgha spiccat fit-7.45 p.m. Aggornament

6.02 Il-laqgha li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv ser issir nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011 fis-6.00 p.m.

**Paul Grech**
**Chairperson**
P. GALEA.

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Ezekuttiv**